# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

**Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Soċjetà Patristika Maltija**

**Nru 9 26 ta' Jannar 2018**

## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Is-sliem! Diġà kważi għadda xahar mill-bidu tas-sena l-ġdida. Il-Kumitat tas-Soċjetà Patristika Maltija kompla jippjana xi affarijiet ta' interess għaż-żmien li ġej.

Bħalissa, fuq Radju Marija, qegħdin inxandru skeda oħra – it-tielet waħda – dwar il-Missirijiet tal-Knisja. Din id-darba, it-tema hija aktar iffukata għax għażilna li nitkellmu dwar il-Missirijiet Appostoliċi. F'rokna oħra ta' dan il-fuljett elettroniku qegħdin nagħtukom id-dettalji tal-programmi li xxandru fil-ġimgħat li għaddew, u dawk li se jixxandru sal-aħħar ta' Marzu. Aħna pubblikament inroddu ħajr lil Radju Marija ta' dan l-ispazju li tana biex inwasslu l-vuċi dejjem ħajja ta' Missirijiet il-Knisja.

Il-gazzetta *Il-Leħen* kompliet – kif ilha tagħmel minn Ottubru 2016 – tagħtina l-ispazju għal rubrika ta' kull xahar dwar il-Missirijiet tal-Knisja. Minn dan ix-xahar, l-artiklu qasir qiegħed jidher fil-ħarġa tat-tieni Ħadd tax-xahar.

Wara li l-aħħar Irtir (tal-Avvent) intlaqa' tant tajjeb minn dawk li pparteċipaw fih, se norganizzaw Irtir ieħor ta' ġurnata nhar is-Sibt 17 ta' Marzu 2018. Sibna li dan il-format (ta' ġurnata) ħadem aħjar. F'din il-ħarġa qed nagħtu nagħtu aktar tagħrif dwar dan l-Irtir.

Nixtiqilkom kull ġid fil-Mulej.

Dun Hector Scerri
President

## Silta Patristika għar-Riflessjoni Personali

*San Ġwann Grisostmu dwarna l-Maltin*

"In-nies tal-gżira jgħallmuna kif tkun l-imġieba xierqa. Ma kinux jafu min kienu dawk li raw l-għarqa, iżda fehmu sewwa li huma wkoll kienu bnedmin. U għalhekk laqgħuhom bil-ħlewwa ... Jidher ċar li dawk li għamlulu (lil Pawlu) laqgħa bħal din, min-naħa tagħhom laqgħu minn għandu l-kelma li xandrilhom. Ma kienx sejjer jibqa' tliet xhur jitħaddet magħhom kieku ma emmnux tassew. Minn dan wieħed jara li kienu ħafna dawk li emmnu" (Mill-*Omeliji dwar l-Atti tal-Appostli*).

## *Is-Socjetà Patristika mill-gdid fuq Radju Marija minn Jannar sa Marzu 2018*

***Il-Missirijiet Appostolici***: fil-Programm *Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj*, kull nhar ta' Tlieta fid-9.00p.m., b'ripetizzjoni l-Ħamis fl-10.30pm. Sal-lum ixxandru erba' programmi:

1. It-Tlieta 2 ta' Jannar 2018: Fr Jonathan Farrugia
   Introduzzjoni. *L-Ittra lill-Korintin* ta' Klement ta' Ruma
2. 9 ta' Jannar: Fr Hector Scerri
   Min kien Injazju ta' Antjokja. L-Ittra lill-Efesin
3. 16 ta' Jannar: Dr Nadia Delicara
   Injazju ta' Antjokja: L-Ittri lill-Knisja ta' Magnesja u ta' Tralles
4. 23 ta' Jannar: Fr Mark Sultana
   Injazju ta' Antjokja: L-Ittri lill-Knisja ta' Filadelfja u lir-Rumani

*Fadal dawn il-programmi:*

5. Nhar it-Tlieta li ġej, 30 ta' Jannar: Dr Nadia Delicata
   Injazju ta' Antjokja: L-Ittra lill-Knisja ta' Żmirna u lil Polkarpu
6. 6 ta' Frar: Fr Hector Scerri *Id-Didakè*
7. 13 ta' Frar: Fr Jonathan Farrugia *L-Ittra ta' Barnaba*
8. 20 ta' Frar: Fr Jonathan Farrugia *L-Ittra lil Djonjetu*
9. 27 ta' Frar: Fr Hector Scerri
   Polikarpu *lill-Filippin* u *Il-Martirju ta' Polikarpu*
10. 6 ta' Marzu: Fr Mark Sultana Ir-Ragħaj ta' Erma: *Il-Viżjonijiet*
11. 13 ta' Marzu: Fr John Berry Ir-Ragħaj ta' Erma: *Il-Preċetti*
12. 20 ta' Marzu: Fr Mark Sultana Ir-Ragħaj ta' Erma: *Il-Parabboli*
13. 27 ta' Marzu: Fr Hector Scerri Konklużjoni Ġenerali dwar il-Missirijiet Appostoliċi

IRTIR TA' ĠURNATA ORGANIZZAT MIS-SOĊJETA' PATRISTIKA

**Is-Sibt 17 ta' Marzu, mid-9.00am sal-5.00pm**

Post: St Joseph Retreat Centre, Rabat

It-Tema tar-riflessjonijiet tkun marbuta mal-liturġija tal-Ħames Ħadd tar-Randan. Programm dettaljat jitħabbar aktar tard.

Donazzjoni: €22 għal 2 coffee breaks, pranzu u l-użu tal-post

Niżżel id-data fid-djarju tiegħek. L-applikazzjonijiet jiftħu xahar qabel l-irtir. Jintbagħat avviż permezz ta' ħarġa oħra ta' din il-pubblikazzjoni u b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni soċjali.